MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 56/2013

**Josephine Vella (302048 M) u Emmanuel Ellul (51235M)**

**vs**

**Charles Grech (539540M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

1. Illi l-esponenti huma s-sidien tal-garage numru tlieta u tletin (33), Triq A. Cuschieri, Birkirkara; u,

2. Illi dan il-garage jinsab mikri lill-intimat in forza ta' skrittura privata tal-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A' versu l-kera li originarjament kienet ta' mija u erba' Euro u tnejn u tmenin centezmu (€104.82) li kienet giet awmentata bi ftehim bonarju bejn il-partijiet ghal mija u sitta u tmenin Euro u hamsa u tletin centezmu (€186.35) fis-sena, liema kera tithallas kull tlett xhur bil-quddiem; u,

3. Illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat mill-esponenti permezz ta' zewg ittri bonarji li jgibu d-dati tal-24 ta' Frar, 2009, tat-30 ta' Marzu, 2011, tal-protest gudizzjarju tat-12 ta' Lulju, 2010 u ittra ufficjali li ggib ir-referenza numru 3061/2012 tal-14 ta' Novembru, 2012, hu baqa' ma hallasx il-kera dovuta u dana ghal aktar minn zewg skadenzi kopji annessi u mmarkati Dok B, C, D u E, rispettivament; u,

4. Illi l-arretrati ta' kera jammontaw ghas-somma ta' elf mija u tmintax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,118.10), u dan ghall-perjodu bejn l-10 ta' Jannar 2008 u l-10 ta' Jannar 2013; u,

5. Illi r-rikorrenti Josephine Vella [K.I. nru. 302048(M)] qieghda bil-gurament taghha tiddikjara illi fil-fehma taghha l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet

x'jaghti ghat-talbiet rikorrenti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta bid-dispensa tas-smiegh.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu li dan l-Onorabbli Bord joghgbu;

1. Jaqta' u jiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69, tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

2. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf mija u tmintax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,118.10), jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn dan il-Bord, rapprezentanti kera ghall-perjodu bejn l-10 ta' Jannar 2008 u l-10 ta' Jannar 2013, u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent dik is-somma hekk likwidata;

3. Jawtorizza r-ripresa tal-garage numru tlieta u tletin (33), Triq A. Cuschieri, Birkirkara, minghand l-intimat, u jipprefiggi lill-parti intimata li tizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju;

Bl-imghax mid-data ta' kull skadenza sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-12 ta' Lulju 2010 u tal-ittra gudizzjarja tal-14 ta' Novembru 2012 kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bir-rikors u bl-avviz ghas-smiegh baqa' ma deherx u ma rregistra l-ebda opposizzjoni ghat-talbiet odjerni. Ghall-korrettezza l-intimat prezenta certifikat mediku tramite l-avukat difensur tieghu biex juri li kellu raguni serja sabiex ma jidhirx u jikkontesta l-kawza, izda l-Bord kien ikkoncedielu

zmien ghoxrin jum sabiex jipprezenta risposta.  Minkejja dan, l-intimat ma pprezenta l-ebda risposta u minkejja li saru seduti ohra fejn ingabru l-provi huwa qatt ma deher u anqas id-difensur tieghu;

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2013 fejn il-Bord laqgha t-talba tar-rikorrenti sabiex il-kawza tithalla ghas-sentenza;

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar 2014 fejn il-kawza kienet differita b’ordni tal-Bord peress illi kien jehtieglu aktar zmien sabiex jipprolata s-sentenza;

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza kienet intentata bil-procedura sommarja taht id-dispost tal-artikolu 16A tal-Kap 69 izda minhabba li ma kinitx segwita l-procedura kif ravvizata fl-istess artikolu ma setghetx tintlaqa’ t-talba ghad-dispensa tas-smiegh;

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghar-rikors guramentat tieghu ma kienux kontestati mill-intimat.  Minkejja dan, il-Bord ghadda biex jisma l-provi tar-rikorrenti minn fejn jirrizultaw pruvati l-kawzali minnhom esposti;

Ghal dawn il-motivi, fil-waqt illi jastjenti milli jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, jilqa’ t-talbiet l-ohra kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgomberu qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------